**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A03-12

27 t' April 2012

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/03**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **l-Ħamis 3 Mejju 2012, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Mozzjoni Nru: Klg6/01 – Manoel Island
6. Diskussjoni dwar *Residential Parking Scheme*
7. Diskussjoni u approvazzjoni ta' Parteċpazzjoni f'E.U. *Youth Project*
8. Approvazzjoni ta' nominazzjonijiet ta' membri Kumitat Żgħażagħ u Anzjani
9. Affarijiet oħra
10. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Rowena M. Borg B.A. Dip.Mgmt. M.I.M |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali IL-Gżira

31 ta' Mejju 2012

Ref Nru.Klg6/003

Minuti tal-laqgħa Nru Klg6/003 li saret il-Ħamis 3 ta' Mejju 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

**Preżenti**

Seba' membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Roberto Cristiano, il-Viċi-Sindku Joe Galea, l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John, Victor Rutter u Joseph Muscat flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-27 t'April 2012.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li qabel mal-Kunsill jibda jiddiskutti l-*items* fuq l-*Agenda* riedet tinforma, li hi kienet bdiet il-proċess biex titlaq mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Charles Micallef St John intervjena u qal, li jħossu sorpriż b'din l-aħbar u kif ħadt mill-Kunsillieri ma kien infurmat b'din is-sitwazzjoni u qal li xtaq ikun jaf x'inhuma r-raġunijiet, sakemm m'humiex abazi ta' raġunijiet personali tas-Segretarju Eżekuttiv. Huwa zied jgħid ukoll, li invista ta' din l-aħbar, ried jressaq punti oħra, li qabel ma bdiet il-laqgħa kien ser jitrattahom direttament maċ-*Chairman*. Madanakollu, għall-mod ta' kif jidher li ser jibdew isiru l-affarijiet, kien ser iressaqhom dak il-ħin stess waqt il-laqgħa tal-Kunsill u kien qed jirreferi għall-mod ta' kif iċ-*Chairman* kien qed jindirizza l-*issue* ta' l-Impenn, li tiegħu hu kien membru fil-*Board* Editorjali u għall-fatt, li waqt żjara li ċ-*Chairman* kien għamel fiċ-Ċentru t'Attivitajiet informa lill-parteċipanti li kien ser jibda jintalab xi ħlas minn kull min jattendi l-*Crafts Club*.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li fi żmien il-Kunsill preċedenti l-ex-Sindku Chris Bonett kien ta l-fakulta lil kull Kunsillier biex jagħmel *write up* fil-ħarġa Impenn, iżda minn naħa tal-Kunsillieri eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista, l-Kunsillier Ian Micallef biss kien kiteb.

Il-Kunsillier Victor Rutter qal li filwaqt li l-ewwel għandha tiġi trattata s-sitwazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, ikkjarifika, li fi żmien il-Kunsill preċedenti l-Kunsillieri eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista kienu qablu li jinkiteb *write up* wieħed għan-nom tagħhom.

Fir-rispett tal-punt imressaq mill-Kunsillier Charles Micallef St.John dwar l-Impenn, iċ-*Chairman* spjega li sa dak inhar tal-laqgħa l-ħidma relatata ma' din il-materja kienet biss, billi kien talab lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill biex ikun infurmat ma' liema kumpanija l-leġislatura preċedenti kellha ftehim u kien ħejja *dummy* tat-tqassim tiegħu sabiex propju dak in-nhar stess tal-laqgħa jaddieh lilu (Micallef St. John). Hu kompla jgħid, li jekk il-Kunsill jaqbel ma jsibx oġġezzjoni li kull membru jagħmel *write up* ta' mhux aktar minn mitejn kelma.

Abazi ta' mistoqsija tal-Kunsillier Charles Micallef St. John dwar ir-raġunijiet l-għala s-Segretarju Eżekuttiv bdiet il-proċess ta' trasferiment, hi spjegat, li l-mottiv kien b'eżitu ta' laqgħa li kellha maċ-*Chairman* fit-30 t'April 2012 matul liema, ċ-*Chairman* infurmaha li filwaqt li l-maġġoranza tirrikonoxxi l-ħidma tagħha tul dawn l-aħħar tnax –il sena ta' kemm ilha tokkupa din il-kariga, l-istess maġġoranza kienet tħoss li jeħtieġ bidla fil-kariga tagħha. Invista tat-tibdil li kien sar fil-liġi dwar il-proċess ta' bidla fil-post ta' Segretarju Ezekuttiv, hu talaba sabiex tibda l-proċess ta' trasferiment u b'hekk jiġi evitat li titressaq mozzjoni mill-Kunsill biex titneħħa. Hi żiedet tgħid, li ċ-*Chairman* kien qalilha li jekk hi taqbel li tibda dan il-proċess, hu kien ser jagħti *reference letter* tajba.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Charles Micallef St. John dwar x'kienu r-raġunijiet l-għala l-maġġoranza tħoss din il-bidla, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li ebda raġuni ma ngħatat waqt il-laqgħa msemmija u kif diġa' spjegat it-talba hi bbażata fuq proċess ta' trasferiment.

Iċ-*Chairman* qal ma kienx hemm xi jżid ma' dak li qalet li s-Segretarju Eżekuttiv għaliex kienet tagħat interpretazzjoni koretta ta' dak li kien diskuss matul liema, kien hemm *mutual agreement* u s-Segretarju Eżekuttiv kienet kuntenta. Hu spejga l-proċess sħiħ ta' bidla.

Filwaqt li l-Kunsillier Charles Micallef St. John qal li kien tal-fehma li hemm intenzjonijiet oħra u b'dispjaċir jgħid, li r-rispett li kellu lejn iċ-*Chairman* naqas, il-Kunsillier Victor Rutter qal, li dan kien każ fejn is-Segretarju Eżekuttiv ma kelliex għażla oħra għaliex jew titlaq jew titkeċċa.

Il-Kunsillier Joe Muscat staqsa x'kienu r-raġunijiet l-għala nħasset il-ħtieġa ta' bidla.

Iċ-*Chairman* qal, li din mhix sitwazzjoni unika meta jkun hemm bidla u kif kien ġie spjegat, anke l-liġi nbidlet.

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John qal, li huma kienu eletti biex itejbu s-sitwazzjoni kif anke kien ġie espress fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill. Hu tant kien ta' din il-fehma li meta kienet saret żjara mis-Sinjura Gonzi stiednu biex jattendi bħala s-Sindku tal-lokalita' kollha, bħalma kienu s-Sindki preċedenti Vincenza Attard, Albert Rizzo u Ian Micallef u staqsa jekk is-Segretarju Ezekuttiv kienitx qed tostakola.

Iċ-*Chairman* reġa' tenna li s-Segretarju Ezekluttiv kienet kuntenta.

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John żied jgħid, li xorta kien tal-fehma li materja bħal din kienet tirrikjedi li tiġi diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill u dan minkejja l-fatt, li meta titressaq għall-vot kienet ser tgħaddi b'erba' voti kontra tlieta madanakollu tenna, li t-*timing* kien ħażin u ma kienx il-mod kif isiru l-affarijiet. F'dan l-istadju għamel referenza għad-*drafting* ta' l-artiklu tiegħu li kien għamel biex jiġi ppublikat fl-Impenn fejn spjega li jmur kontra l-ispirtu ta' kif kienu qed isiru l-affarijiet għaliex jekk kellu jikteb abazi ta' kif svolġew l-affarijiet, dan kien jiġi ċċensurat .

Il-Kunsillier Joe Camilleri ntervjena u qal, li l-Kunsill dejjem ppubblika l-artikli kif miktuba u għamel referenza għall-artiklu li kien kiteb il-Kunsillier Ian Micallef fejn uża' kliem offiż għaliex għajjarhom ħnieżer.

Il-Kunsillier Joe Muscat qal, li l-mod ta' kif saru l-affarijiet kien sfaċċat (*blunt*) filwaqt li l-Kunsillier Micallef St. John qal, li dan kien fatt kompjut.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Il-minuti tal-laqgħa Klg6/003 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2** Il-Kunsillier Victor Rutter ressaq korrezzjoni f'paġna Nru:7 u t-tieni paragrafu għandu jinqara;

'Il-Kunsillier Victor Rutter kellu jagħti risposta jekk kienx ser jattendi għal din il-konferenza iżda talab li affarijiet simili ma jkunx hemm *short notice* fuqhom.

Iċ-*Chairman* skuża ruħu u qal, li qed jimpenja ruħu sabiex ma terġax tiġi repetuta.'

Din il-korrezzjoni ġiet ssekondata miċ-*Chairman*.

**1.3** Il-Kunsillier Joe Camilleri rrimarka li f'din il-leġislatura jidher li l-affarijiet kienu qed jimxu bil-punt u l-virgola kumment, li l-Kunsillier Charles Micallef St. John qal, li ma kienx ġust fil-konfront ta' din il-leġislatura.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-kumment tiegħu kien invista tal-fatt, li fil-leġislatura preċedenti l-Kunsillier Victor Rutter qatt m'għamel xejn fir-rispett tal-kariga li kien jokkupa għal liema kumment il-Kunsillier Victor Rutter wieġeb, li hu lanqas kariga ma kellu aħseb u ara kemm seta' jwettaq dak li kien għadu kemm qal il-Kunsillier Joe Camilleri.

Iċ-*Chairman* qal, li jeħtieġ li d-diskussjonijiet ikunu regolarizzati u jekk ikun il-bżonn isiru bil-ħin skont kif tgħid il-liġi kif ukoll, kien ser jerġa' jtenni dak li qal fl-ewwel laqgħa ta' din il-leġislatura li jeħtieġ rispett bejn il-membri ta' dan il-Kunsill.

Dwar id-diskussjoni bejn il-Kunsillieri Joe Camilleri u Victor Rutter, iċ-*Chairman* qal, li l-materja tappartjeni għall-leġislatura passata li minnha huma biss kienu jiffurmaw parti u għalhekk talab, li la darba l-verżjonijiet kienu nstemgħu, d-diskussjoni tieqaf hemm. Hu tenna l-impenn tiegħu u qal li sabiex kulħadd ikun infurmat, l-materji jiġu ċirkulati permezz ta' *e-mails*, fin-nuqqas ta' liema, l-membru konċernat jiġi nfurmat verbalment.

Minħabba li ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet/kjarifiki, l-minuti kif emendati ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondati mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**1.4** Il-Kunsillier Joe Camilleri talab liċ-*Chairman* sabiex jissospendi l-*Agenda* minħabba li kien wasal is-Sur Jason Micallef resident fi Triq Coleridge li xtaq iressaq ilment.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

Is-Sur Micallef ta' rendikont tas-sitwazzjoni ntollerabbli li hemm fit-triq sopracitata minħabba *swill room* li qed tiġenera ġrieden, ħmieġ u ntejjen tant, li jħossu li qed jgħix il-magħtab. Hu spjega li tant ikun hemm kwantita' ta' skart, li ġieli ttieħdu *parking spaces* u anke kien hemm drabi fejn tpoġġew l-i*skips* kif ukoll kien tal-fehma, li l-permess ta' *swill room* għandu jkun taħt il-lukanda u mhux fit-triq ta' wara. Huwa qal li kien ġab lil tas-Sanita' u l-Pulizija ta' l-Għassa Sliema iżda s-sitwazzjoni mhux talli ma rranġatx iżda marret mill-ħażin għall-agħar u biex isaħħaħ l-argument tiegħu ġab anke C.D. bir-ritratti.

Iċ-*Chairman* qal, li minn informazzjoni li għandu, l-Kunsill kien ha azzjoni fattur li ġie konfermat mill-Kunsillier Joe Camilleri u ser ikompli jippersisti bl-azzjoni tiegħu anke jekk dan jidher li hu każ li l-persuna konċernata hi 'l fuq mill-liġi.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu personalment kien kellem lill-persuna nvoluta u qallu biex inaddaf u jaħsel bid-disinfettant u meta mar hu fuq il-post, ma rax ġrieden.

Is-Sur Micallef qal, li r-residenti tat-triq dejjem igergru iżda jibżghu jitkellmu.

Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll, li qed jinħażen diesel fil-garaxx ta' taħt *block* flats fi Triq Belvedere li huwa propjeta' tad-ditta *C.Stivala & Sons Ltd* ħdejn is-*substation* u d-distributur li huwa jew Cassar jew Falzon jiġi darba fil-ġimgħa fil-11.00 a.m.

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John qal li dan huwa każ serjissimu u għandhom jiġu nfurmati l-Awtoritajiet kompetenti.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu l-*unika way forward* hi li ġġib dan ill-każ fuq il-media.

Iċ-*Chairman* ssuġerixxa li jinħatar Kumitat ad hoc magħmul minn erbgħa membri tal-Kunsill, iċ-*Chairman*, il-Viċi-Sindku, u l-Kunsillieri Joe Camilleri u Charles Micallef St. John sabiex tiġi ndirizzata din il-materja u tinstab soluzzjoni liema rakkomandazzjoni titressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill.

**2. Materji Konnessi**

**2.1 Pagna Nru: 2 para 2.1** – Il-Viċi-Sindku flimkien mal-Kunsillier Charles Micallef St. John kienu mmarkaw fejn kien ġie suġġerit u saret anke *site plan*.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsillier Joe Camilleri staqsa jekk kienx ser ikun hemm aktar minn gazzetta waħda, l-Kunsillier Joe Muscat qal, li hu nnota waħda f'Tas-Sliema li kien fiha tlett gazzetti lokali, l-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jista' jitlob li jitpoġġew gazzetti barranin biss għal liema rimarka, l-Kunsillier Victor Rutter qal, li ma jħossx li l-Kunsill għandu jidħol f'dan il-mertu filwaqt li ċ-*Chairman* qal, li qabel ma l-Kunsill jieħu xi deċiżjoni, għandu jkun kkunsidrat l-fatt, li fl-istess triq hemm entitajiet kummerċjali li jbiegħu l-gazzetti u dan jista' jwassal sabiex jitnaqqas l-*income* tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-Kunsill għandu jieħu nkonsiderazzjoni wkoll, jekk strutturi simili humiex taħt ir-responsabbilita tad-Dipartiment ta' l-Artijiet għaliex jekk jirriżulta l-każ, dawn iridu jkunu koperti bil-permess ta' dan id-Dipartiment fir-rispett ta' liema strutturi, qed issir *re-structuring policy*.

F'dan l-istadju saret referenza wkoll għall-fatt, li ta' kull ġimgħa qed issir ronda milll-Pulizija u jmorru direttament għand il-propjetarju ta' *Maxims Pastizzerija* u jneħħulu l-imwejjed u s-siġġijiet.

Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma, li fil-laqgħa li kellu ma' l-Ispettur Sultana fit-2 ta' Mejju 2012, ddiskuta din il-materja u l-Ispettur wieġbu, li s-Surġent li qed jagħmel din ir-ronda mhux qed ikun mibgħut mill-Għassa tas-Sliema u qallu biex jinfurmaħ biex ikompli jaħdem.

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John qal, li kieku s-sistema tad-*demarcation* tiġi mplimentata mill-Awtorita', jiġu evitati sitwazzjonijiet simili.

Iċ-*Chairman* kkonkluda d-diskussjoni billi qal, li hu jħoss li l-*enforcement* qed isir biss fil-Gżira u dan għaliex, sitwazzjonijiet agħar minn dawn jeżistu fil-lokalitajiet tal-madwar u m'hu qed isir xejn fir-rispett tagħhom.

**2.2 Paġna 2 para 2.2.** – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-Perit Joe Bugeja kien kkonfermala li t-*testing* kif deċiż fil-laqgħa preċedenti mid-ditta *Terracore* kien sar l-Erbgħa 2 ta' Mejju 2012.

**2.3 Pagna Nru 4 para 5 –** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-*financial statements* u r-*representation letter* kif approvati kienu ntbagħtu u kif inhu nfurmat dan il-Kunsill, dawn ġew sottomessi skont *I.F.R.S.*

**2.4 Pagna Nru: 5 para 6 –** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-*Management Letter* kif approvata fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, ġiet iffirmata miċ-*Chairman* u mibgħuta b'posta reġistrata.

**2.5 Paġna Nru: 7 para 3.4 -** Ingħatat spjegazzjoni dettaljata dwar din il-materja u x'azzjoni ttieħdet. Il-Viċi-Sindku żied jgħid, li t-Tnejn 7 ta' Mejju 2012, J.F. Mallia, rappreżentant ta' l-*Enemalta* flimkien miegħu kienu ser jiltaqgħu fuq il-post sabiex jibda x-xogħol ta' *detection* minħabba l-fatt, li l-*fault* jidher li hu dovut għal ħsarat fil-*cables* u għalhekk l-*Enemalta* tkun responsabbli.

**2.6 Paġna Nru: 7 para 3.7** – Il-Kunsill ġie nfurmat li l-qoffa għal *The Great Spring Show* kienet lesta u ser titieħed mis-Sur Emanuel Mifsud fil-ġonna ta' San Anton, il-Ġimgħa 4 ta' Mejju 2012.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li hi kienet bagħtet tinforma lill-organiżatturi li skont il-liġi, d-donazzjoni ta' €4.66 ma setgħetx tintbagħat.

**2.7 Paġna Nru: 7 para 3.8** – Inqrat risposta mill-Avukat Dott. Ed. Woods datata 17 t'April 2012, fejn fiha reġa' konferma d-deċiżjoni mogħtija preċedenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-Avukat kien għamel kuntatt magħha telefonikament matul liema, talaba twassal l-awgurju tiegħu lill-Kunsill il-ġdid u meta jkun konvenjentament, jiltaqa' maċ-*Chairman*.

**2.8** Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma, li hu flimkien mal-Perit Joe Bugeja għan-nom tal-Kunsill kienu iltaqgħu mar-rappreżentanti u l-Perit tad-ditta *W.H.Works* matul liema laqgħa qablu, li d-ditta għandha ġġib kwotazzjonijiet minn barra u b'hekk il-proġett tal-*canopy* ikun kollu ffinanzjat minnhom

**2.9 Jum il-Gżira – *Update***

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li:

l-ittri lill-iskejjel Primarji tas-sitt sena u Sekondarji tar-raba' sena, lill-Kulleġġi Santa Klara, Stella Maris u Skola Santa Monika sabiex jipparteċipaw fil-kompetizzjoni Tpinġija – Tema 'Il-Lokalita' tal-Gżira,' kienu ntbagħtu fis-17 t'April 2012 u s-sottomissjonijiet għandhom jaslu sal-Ġimgħa 4 ta' Mejju 2012 u sa dak inhar tal-laqgħa, l-Kunsill kien irċieva żewġ sottomissjonijiet mill-Kulleġġ Santa Klara, Skola Primarja.

**Anzjani – Żjarat lill-Anzjani**

Is-Sotto-Kumitat responsabbli minn dan il-qasam kkonferma li

14 ta' Mejju 2012 Żjara lill-Anzjani fid-Dar ta' l-Anzjani fix-Xatt

17 ta' Mejju 2012 Żjara lill-Anzjani Gżirjani – San Vincenz de Paule

filwaqt li fir-rispett taż-żjajjar lill-Anzjani li jgħixu fil-lokalita' iżda ma joħorġux minn djarhom, il-Kunsill kien għadu qed jistenna li jirċievi l-lista tagħhom mill-Parroċċa.

***Clean Up Day* – Ġimgħa 11 ta' Mejju 2012 10.00 a.m – Ġnien Kunsill ta' L-Ewropa – Skejjel Primarji u Sekondarji**

Intbagħtet *e-mail* lill-Kulleġġi Santa Klara, Stella Maris u Skola Santa Monika u sa dak inhar tal-laqgħa, il-Kulleġġ Santa Klara Skola Primarja biss kienet ikkonfermat il-parteċipazzjoni tagħha.

***Clean Up Day* – Sibt 12 ta' Mejju 2012 – 10.00 a.m. Ix-Xatt tal-Gżira – Studenti Belġjani mill-NSTS**

Filwaqt li l-program ta' din l-attivita' kien għadu qed jiġi diskuss mad-Direttur, il-pjan kien li l-*Clean up* isir fix-Xatt u għal din l-attivita' kien hemm il-probabilita' li jattendi l-Ambaxxatur Belġjan.

Il-Kunsill ġie nfurmat li kienu ser jiġu provduti *refreshments* lill-istudenti parteċipattivi fil-*Clean Up Days* u l-okkorrenti neċessarji.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John mal-program ta' l-attivitajiet kif ġie mressaq kif ukoll ma' l-ispejjeż relatati.

## 3. Korrispondenza

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-3 ta' Mejju 2012, kif ukoll, ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqrat il-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom.

**3.3** Inqraw żewġ ittri datati 24 t'April 2012 u 2 ta' Mejju 2012, mibgħuta mill-Għaqda Mużikali Mount Carmel u l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John, li jiġi ppubblikat avviż lir-residenti fejn fih ikunu nfurmati bit-taħriġ li l-Kunsill qed jippjana li jorganizza fix-xhur li ġejjin liema rivista, titqassam lir-residenti Gżirjani kif ukoll, li l-Kunsill Lokali jerġa' jorganizza Lejla Gżirjana bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat Festi Esterni u l-Għaqda Mużikali sopracitata u in-nefqa vvutata, kienet ser tkun bħal dik tas-sena preċedenti.

**3.4** B'referenza għall-ittra datata 19 t'April 2012, mibgħuta mis-Sur Victor Scerri – *Gżira Home* dwar permess/applikazzjoni ta' *skip* barra ta' *Gżira Home* fi Triq ix-Xatt, il-Kunsill qabel unanimament li għal l-istess raġuni ndikata fl-ittra hawn fuq imsemmija, u cioe' minħabba igene, din it-talba ma tistax tintlaqa'

**3.5** Inqrat ittra datata 28 t'April 2012, mibgħuta mill-*Gżira United Football Club* biex tinforma rigward iċ-ċelebrazzjonijiet organizzati mill-istess *club* marbuta mar-rebħ tas-*2nd Division League* nhar il-Ħadd 13 ta' Mejju 2012. Fl-istess ittra, is-Sindku u l-kunsilliera gew mistiedna sabiex jipparteċipaw fis-sopracitati ċelebrazzjonijiet.

**3.6** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għat-talba li saret mill-*Gżira United Football Club* sabiex tiġi organizzata tombla kull nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa bejn is-7.30 u l-10.30 p.m. ġewwa l-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, ħdejn il-Latrina Pubblika sakemm din l-attivita' tkun koperta bil-permessi kollha neċessarji mill-entitajiet kompetenti.

**3.7** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter man-nefqa ta' €259.60 sabiex jiġu stampati 500 x 7 (3,500) *business cards* għall-membri tal-Kunsill mid-ditta *Union Print*.

**3.8** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet ġiet sottomessa talba lill-Ambaxxatur ta' Franza biex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali jsiru korsijiet tal-lingwa

Françiża għar-residenti fiċ-Ċentru ta' l-Attivitajiet liema korsijiet, jew jiġu *sponsored* mill-Ambaxxata jew jintbagħtu għalliema apposta.

**3.9** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet intbagħtet *e-mail* ta' ringrazzjament lil Dott Ian Micallef li bħala Kummissarju tal-Ġustizzja ma kienx ser jitħallas għas-servizz tal-Ġurament tal-ħatra tas-Sindku, Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Joe Camilleri u Victor Rutter fit-3 t'April 2012.

**3.10** Tressqet kwotazzjoni Nru: qt 36-12 biex tiġi estiża s-*Central Strip Triq ix-Xatt* mibgħuta minn *J&K Contractors Ltd* għall-ammont ta' €836.45.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li għandu jistenna sakemm jinġiebu kwotazzjonijiet oħra sussegwentament ta' liema, jiddeċiedi.

**3.10.1** Fir-rispett tal-kwotazzjonijiet l-oħra sabiex jiġu tranġati u livellati *manholes* fi Triq Reid kantuniera max-Xatt, fi Triq ix-Xatt bejn toroq Manoel de Vilhena u Reid, Triq Imsida quddiem l-A1 Bar u fi Triq ix-Xatt quddiem il-banka tal-lottu, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter, ma' kwotazzjoni qt-35-12 għall-ammont ta' €1348 madanakollu, fir-rispett tax-xogħol relatat mal-bdil ta' *manhole covers* fi Triq ix-Xatt għandha ssir laqgħa li għaliha għandhom ikunu preżenti l-Viċi-Sindku, l-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur *J&K Contractors Ltd* sabiex jiġi vverifikat, li l-materjal li ser jintuża' jkun jiflaħ għall-piż ta' l-Arriva minħabba l-fatt li dawn ser isiru eżattament fil-*bus bay*.

**3.11** Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Antonella Spagnol – *Probation Officer, Department of Probation and Parole* dwar xogħol fil-Komunita' bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali li s'issa kienu ta' suċċess.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir laqgħa mal-Kunsillier Joe Camilleri bħala l-Kunsillier responsabbli minn dan il-qasam.

**3.12** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kienet intbagħtet *e-mail* mid-Diretteur (Gvern Lokali) li wara li dan id-Dipartiment għamel diversi kuntatti mad-ditta *Wasteserv* irriżulta, li l-Kunsill għandu jagħti l-ammont ta' €21,408.54 mill-allokazzjoni li dan id-Dipartiment kien għadda lill-Kunsill propju għal dan il-għan għas-snin 2009 (l-aħħar tlett xhur) u 2010.

Hi kompliet tgħid, li skont korrispondenza datata 18 ta' Marzu 2009, l-allokazzjoni 2009-2010 ma tagħmel ebda referenza għat-*tipping fees* u korrispondenza datata 10 ta' Diċembru 2009 – allokazzjoni finanzjarja 2010, l-ammont ta' €39,408 biss kien allokat direttament għat-*tipping fees* liema ammont ma kienx ikopri l-ammont kollu għas-snin sopracitati. Fir-rispett tad-differenza, l-Kunsill kien aderixxa skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

Il-Kunsillier Joe Camilleri ssuġġerixxa, li din il-materja għandha tiġi diskussa waqt il-laqgħa għas-Sindki li kienet ser issir fil-25 u 26 ta' Mejju 2012 mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

**3.13** Il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni għall-*Blood Mobile Unit* fil-Gżira fil-11 ta' Mejju 2012, sakemm l-attivita' tkun koperta bil-permessi kollha neċessarji maħruġa mill-Awtoritajiet kompetenti.

**3.14** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku għan-nefqa ta' €144 sabiex jattendu għall-laqgħa tas-Sindki li ser issir fil-25 u 26 ta' Mejju 2012 fil-Lukanda Dolmen, Qawra.

**3.15** Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-Perit Joe Bugeja kellu jagħmel *site inspection* u wara jibgħat rapport tekniku dwar ħofra li żviluppat fl-ewwel ġimgħa ta' Marzu 2012, fil-parti t'isfel ta' Triq Stuart kantuniera max-Xatt.

**3.16** Inqrat ittra datata 25 t'April 2012, mibgħuta mid-ditta *G4S Security Services (Malta) Ltd* dwar żieda ta' €10.09 fil-prezz għal kull *trip* għas-servizz tal-*Cash In Transit* mill-1 ta' Mejju 2012.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li għalkemm is-servizz huwa mportanti, għandna nibgħatu għal aktar kwotazzjonijiet.

**3.17** Inqrat ittra mibgħuta mill-Avv.Alessia Zammit McKeon għan-nom tad-ditta *Stuart Property Development Ltd* minħabba li kienu tneħħew rampa u *drop kerb* quddiem 111 Stuart Mansions waqt ix-xogħlijiet li saru fi Triq Sir Patrick Stuart

Matul id-diskussjoni li saret, fejn fost affarijiet oħra l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li dan ix-xogħol ma setax isir minħabba li eżatt quddiem il-garaxx hemm il-kaptelli ta' *service culvert,* s-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li rappreżentant u l-Perit tal-Kunsill jiltaqagħu mal-Perit tad-ditta sopracitata sabiex issir *site inspection.* Iċ-*Chairman* qal, li filwaqt li għandha ssir *site inspection*, jekk tinbagħat tweġiba għal din l-ittra, din għandha ssir mill-Avukat tal-Kunsill Dott Edward Woods.

Għalhekk ġie deċiż, li għandha ssir *site* inspection u jiġi sottomess rapport tekniku.

**3.18** Il-Kunsillier Victor Rutter telaq fis-7.10 p.m. minħabba mpenn ieħor.

**3.19** Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Aloisio, *Group Health & Safety Manager, Radisson* dwar *Basic First Aid Course* li jsir għar-residenti tal-lokalita' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Il-kors huwa ta' sittax –il siegħa u l-klassijiet jilqgħu minn għaxar persuni iżda mhux aktar minn

ħmistax. Kull parteċipant irid iħallas €15 liema pagament irid isir lill-*Malta Red Cross* qabel ma jibda l-kors.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joseph Muscat, li dan il-kors jiġi pubblikat fil-ħarġa tal-*magazine* tal-Kunsill Impenn biex b'hekk skont il-*feedback* li jirċievi l-Kunsill, ikun jista' jiġi organizzat.

**3.20** Rigward talba mibgħuta mis-Sur Henry Scicluna, *General Manager Muscat Motors Ltd,* dwar installar ta' *totems* u *pylons* fl-*area* tax-*showroom* ta' din id-ditta u fuq ir-*roundabout* li hemm fi Triq D'Argens, is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li din id-ditta kienet ġiet infurmata li għal talbiet simili kien jeħtieġ permess mill-*MEPA* u *Transport Malta* kif ukoll, il-pjanti sottomessi jridu jinkludu l-miżuri ta' kemm dan it-tip ta' reklamar kien ser jesporġi fuq propjeta' pubblika, jekk kienx ser jinħoloq restrizzjoni fuq il-bankina u jekk kienx ser jiġi kawżat ostaklu ta' viżjoni għas-sewwieqa.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.21** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill kien irċieva *e-mail* datata 28 ta' Marzu 2012 dwar ċirkulari Nru 16/2012 fejn fiha Il-Kunsill kien mitlub li jagħżel bejn opzjoni A jew opzjoni B dwar il-mod ta' kif il-Kunsill irid li jsir ix-xogħol ta' l-asfalt tal-kanali ta' fejn ikun sar ix-xogħol ta' din il-Korporazzjoni. Hi kompliet tgħid, li minkejja li l-Kunsillier Joe Camilleri kien informa li r-Reġjun kellu jiċċirkula *e-mail* lill-Kunsilli Lokali sabiex tiġi sottomessa tweġiba kollettiva, din ma waslitx u għalhekk, permezz ta' *e-mail* datata 23 t'April 2012, hi kienet infurmat lill-A.K.L. bil-pożizzjoni tal-Kunsill.

**3.22** Ġiet ppreżentata petizzjoni mibgħuta mir-residenti ta' Triq ir-Rebħa dwar il-problema ta' sewqan b'veloċita' eseġerata f'din it-triq.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John li għandha ssir laqgħa mar-residenti li għaliha l-Kunsill ikun rappreżentat mill-Kunsillier Joe Camilleri bħala l-Kunsillier responsabbli minn dan il-qasam u l-Kunsillier Charles Micallef St. John, resident f'din it-triq.

**3.23** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg6/02 minn Nru:035 sa Nru:069 (ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet sopraċitata ġiet approvata unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 5. Mozzjoni Nru:Klg6/01 – Manoel Island

**5.1** Tressqet il-mozzjoni sopraċitata li kopja tagħha kienet ġiet ċirkulata lill-membri tal-Kunsill.

Saret diskussjoni abazi ta' liema, l-mozzjoni ġiet emendata kif ġej:

'Il-Kunsill lokali tal-Gżira jinnota li għal dawn l-aħħar snin il-konsorzju MIDI ha taħt ir-responsabilita tiegħu il-Gżira ta Manoel bħala parti mill-proġett ta Tigne' u Manoel Island.

Il-Kunsill lokali tal-Gżira jirrikonoxxi x-xogħol tajjeb ta restawr li twettaq fil-Fortizza Manoel.

Illi, fil-pjanijiet tiegħu, l-konsorzju MIDI kellu jwettaq l-iżvilupp tal-grawnd tal-futbol kif ukoll tal-boċċi fuq livel professjonali sabiex il-Komunita tal-Gżira partikularment il-*Gżira United FC* u Gżira Boċċi Club ikollom faċilitajiet sportivi ta kwalita.

Il-Kunsill lokali tal-Gżira jinnota li dawn iż-żewġ faċilitajiet għadhom ma twettqux bil-konsegwenza li dawn iż-żewġ organiżazzjonijiet sportivi għadhom mingħajr faċilitajiet adekwati.

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira jappella lill-Gvern Ċentrali u l-Awtoritajiet konċernati sabiex issir l-pressjoni neċessarja fuq il-Konsorzju MIDI biex jitwettqu dawn il-proġetti għal ġid tal-Komunita' Gżirjana, fin-nuqqas li l-Konsorzju MIDI jikkommetti ruħu b'data biex jibda' dawn il- proġetti, l-Kunsill Lokali tal-Gżira jappella lill-Gvern Ċentrali sabiex jilqa' l-offerta tal-konsorzju MIDI sabiex jagħti lura lil Gvern Ċentrali l-Gżira ta' Manoel u jkun il-Gvern stess li jidħol għall-impenn li jibni l-faċilitajiet sportivi msemmija, jinvesti f'forestazzjoni u b'hekk jagħmel il-Gżira ta Manoel f'park nazzjonali u jagħmel użu ta din il-Gżira bħala Ċentru Kulturali permezz tal-fortizza.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-mozzjoni kif emendata liema mozzjoni, tressqet miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 6. Diskussjoni dwar *Residential Parking Scheme*

**6.1** Tressqet petizzjoni mibgħuta minn residenti li joqgħodu fi Triq Sliema faċċata tal-Kulleġġ Santa Klara Skola Sekondarja Subien u Triq Edgar Bernard dwar problema ta'parkeġġ.

Iċ-*Chairman* qal, din il-petizzjoni tirrilata ma' dan l-*item* fuq l-*Agenda* li hu xtaq jiddiskutieh bl-għan, li l-Kunsill jibda' l-proċess ta' l-implimentazzjoni tiegħu. Hu kompla jgħid, li minn informazzjoni li għandu, il-proċess kien jikkonsisti billi l-Kunsill ikun gwidat mit-*template* maħruġa minn *Transport Malta* fejn irid isir *sampling study* ta' kull triq li l-Kunsill ikun irid li tifforma parti mill-iskema u l-istudju għandu jsir bejn l-10.00 u l-11 ta' filgħodu u s-2.00 u t-3.00 a.m. Dan l-istudju għandu jiġi sottomess lit-*Transport Malta* għall-approvazzjoni tagħha u fl-eventwalita' li tingħata l-approvazzjoni, 50% tal-parkeġġ ta' kull triq ikun eleġibbli għar-residenti.

Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament li għandu jsir Kumitat li jmexxi l-proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' din l-iskema b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joseph Muscat.

**6.2** Il-Kunsillier Joseph Muscat telaq fis-7.55 p.m. minħabba mpenn ieħor.

## 7. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' Parteċipazzjoni f'*E.U. Youth Project*

**7.1** Iċ-*Chairman* qal li riċentament kien infurmat bil-*Youth In Action Programme* li għalih il-Kunsill ma kienx applika bħala *leader* tant, li l-*leaders* ta' dan il-proġett huma l-Macedonia u l-Bulgaria. Żied jgħid li hu kien għamel sottomissjoni għan-nom tal-Kunsill bħala parteċipant u fl-eventwalita' li l-applikazzjoni tal-Kunsill tiġi milqugħa l-ħlas ikun 70% mill-Unjoni Ewropea u 30% mill-parteċipant.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John ma' din l-inizjattiva.

## 8. Approvazzjoni ta' nominazzjonijiet ta' membri Kumitat Żgħażagħ u Anzjani

**8.1** Il-Kunsill approva unanimament in-nominazzjonijiet tal-membri tas-Sotto-Kumitat taż-Żgħażagħ u l-Anzjani li huma

**Żgħażagh**

Shelly Caruana - Tyson Fenech – Mauro Leonardi – Daniel Bruno (għad irid jikkonferma).

**Anzjani u Inklużjoni Soċjali**

Salvina Testa – Joe Xuereb – Alfred Portelli.

Din il-mozzjoni tressqet miċ-*Chairman*, ssekondata milll-Viċi-Sindku.

## 9. Affarijiet Oħra

**9.1** Il-Kunsill qabel unanimament li s-*Summer Music Nights* jibdew isiru nhar ta' Ġimgħa.

**9.2** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sur Alfred Portelli kien termina l-kuntratt tiegħu bħala *Contracts Manager* fit-30 t'April 2012.

**9.3** Il-Kunsillier Joe Camilleri ta rendikont ta' konverżazzjoni, li flimkien mal-Kunsillier Charles Micallef St. John kellhom ma' żewġ residenti mill-*Gżira Housing Estate* fl-Uffiċċju Amministrattiv.

Matul id-diskussjoni li saret il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li hu kompla jsegwi l-każ u minn informazzjoni li kellu jirriżulta, li t-talba tar-residenti sabiex isiru *gates* ma ġietx milqugħa kif ukoll informa, li l-istess residenti lmentaw dwar l-istorbju kkawżat mill-bar u l-fatt li l-passaġġi mhux qed jitnaddfu. Dan l-ilment ta' l-aħħar kien diġa' ġie mressaq għall-attenzjoni tal-kuntrattur tal-knis tat-toroq u kien qed isegwi li t-tindif isir kif suppost.

Il-Kunsillier Joe Camilleri telaq fit-8.00 p.m. minħabba mpenn ieħor.

**9.4** Il-Kunsill qabel unanimament li għandna niktbu lir-resident li joqgħod Nru 18 Triq il-Ġnien minħabba li għandu pjanti mhux marbuta fuq iċ-ċinta tal-bejt b'konsegwenza tal-fatt, li kienu ta' periklu għal kull minn jagħmel użu minn din it-triq.

### 9.5 *GLCQ004/2012 – Supply of Two Mobile Toilets*

Il-Kunsill irċieva żewġ sottomissjonijiet (ara *appendix* 2) rigward is-suġġett sopracitat li kienu:

| | |
|---|---|
| *Joe Bonnici & Sons* | *€ 5.00 + VAT per unit daily with an adequate supply of Hygenic paper and Hygenic chemicals*<br><br>*€23.50 + VAT Deliver and Pickup Charge* |
| *Green Forever* | *€ 9.10 daily*<br><br>*€11.50 daily for special needs Mobile Toilets Rates all included – hiring – transport toiletries - cleaning and VAT* |

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku li din il-kwotazzjoni tingħata lid-ditta *Joe Bonnici & Sons* għar-raġuni li l-orħos offerent jeżawrixxi r-rekwiżiti

mitluba mill-Kunsill. Għaldaqstant, għandha tinħareġ il-*Letter of Acceptance*.

**9.6** Il-Viċi-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jikkunsidra żieda ta' aktar *litter bins* fi Pjazza Meme' Scicluna.

**9.8** Rigward is-suġġeriment li l-Kunsill irċieva sabiex it-tabelli ta' *No Parking* li hemm fil-*laybay* ta' Triq Sliema (taħt l-iskola) sabiex jersqu aktar viċin, il-Kunsill iddeċieda unanimament li għalissa kollox jibqa' kif inhu.

**9.9** Il-Kunsill ġie nfurmat li residenti mill-inħawi ta' Triq Luqa Briffa lmentaw dwar tneħħija ta' *parking bay* fi Triq Luqa Briffa (minn ma' Triq San Ġorġ)

## 10. Laqgħa Oħra

**10.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.30 p.m. u ġiet aġġornata għall-Ħamis 31 ta' Mejju 2012 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Rowena M.Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/03**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg6/03 03.05.2012** **Data:** **12.04.2012 - 03.05.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Alfa Co.Ltd | €42.52 | €42.52 | D | photo copies | 31.03.2012 | 81363 | 035 | | | 7738 |
| 2 | Alfa Co.Ltd | €60.25 | €60.25 | D | Rentals 13-02-2012 - 12.03.2012 | 31.03.2012 | 81364 | 035 | | | 7738 |
| 3 | Alfa Co.Ltd | €63.49 | €63.49 | D | Copies & Rentals 01.03.2012 - 31.03.2012 | 31.03.2012 | 81365 | 035 | | | 7738 |
| 4 | Mita | €833.69 | €833.69 | D | Maint & Support January - June 2012 | 10.04.2012 | SIN026158 | 036 | | | 7739 |
| 5 | Venture Trading | €44.25 | €44.25 | D | A4 paper | 12.04.2012 | 018650 | 037 | | | 7740 |
| 6 | Gauci Borda & Co. Ltd | €11.98 | €11.98 | D | Maint re Flags | 13.04.2012 | 073664 | 038 | | | 7741 |
| 7 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €747.13 | €747.13 | T | Road Markings - Job No: 11285 | 13.03.2012 | 16159 | 039 | | | 7742 |
| 8 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €421.69 | €421.69 | T | Road Markings - Job No: 11286 | 13.03.2012 | 16160 | 040 | | | 7743 |
| 9 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €90.53 | €90.53 | T | Traffic Signs Job No: 9251 | 22.03.2012 | 16233 | 041 | | | 7744 |
| 10 | GO plc | €108.17 | €108.17 | D | Tel No: 21322157 - Calls March Rent April 2012 | 13.04.2012 | 27852353 | 042 | | | 7726 |
| 11 | GO plc | €18.98 | €18.98 | D | Tel No: 21341616 Calls March Rent April 2012 | 13.04.2012 | 27851842 | 043 | | | 7727 |
| 12 | GO plc | €91.47 | €91.47 | D | 334254/341034 Calls March Rent April 2012 | 13.04.2012 | 27851839 | 044 | | | 7728 |
| 13 | Dept of Information | €9.32 | €9.32 | D | Advert Gov Gazz - GLCQ004/2012 M/Toilets | 18.04.2012 | | 045 | | | 7725 |
| 14 | Tristar Travel Ltd | €37.25 | €37.25 | D | Insurance - ECAD Conf. - J. Camilleri | 17.04.2012 | 197250 | 046 | | | 7745 |
| 15 | J.F. Malltia Ltd | €749.21 | €749.21 | D | Job Nos:236-40-41-42-45-46-47-48-49-50 | 17.04.2012 | 729 | 047 | | | 7746 |
| 16 | Terracore Ltd | €959.72 | €959.72 | D | Asphalt Testing Ponsonby/Stuart Streets | 26.03.2012 | R02381 | 048 | | | 7747 |
| 17 | Rausi Trading Ltd | €52.98 | €17.98 | D | Drinking Water - Administrative Office | 25.04.2012 | 11155383 | 049 | | | 7748 |
| 18 | Permanent Sec. OPM | €49.25 | €49.25 | D | Advert Malta Ind. GLCQ004/2012 M/Toilets | 23.04.2012 | | 050 | | | 7749 |
| 19 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €4,064.39 | D | Allocated MSW Waste - March 2012 | 16.04.2012 | 020929 | 051 | | | 7750 |
| 20 | The Toolbox | €32.61 | €32.61 | D | Maint - Mayor's Office | 04.04.2012 | 10986 | 052 | 31/2012 | | 7760 |
| | **Sub Total c/f** | **€8,488.88** | **€8,453.88** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€8,488.88** | **€8,453.88** | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/03**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/03 03.05.2012** **Data:** **12.04.2012 - 03.05.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | The Toolbox | €42.70 | €42.70 | D | | Maint Monument Jerry Zammit | 24.04.2012 | 11054 | 052 | 34/2012 | | 7760 |
| 22 | The Toolbox | €41.00 | €41.00 | D | | Bollards/Litter Bins/Fountain | 20.04.2012 | | 052 | 33/2012 | | 7760 |
| 23 | J. Bugeja & Associates | €135.17 | €135.17 | T | | C/M fee J&K Contr Pavement wrks Reggie Miller | 10.04.2012 | rfp 949 | 053 | | | 7808 |
| 24 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | | Craft Lessons for the month of May 2012 | 01/05/12 | 31 | 054 | | | 7764 |
| 25 | Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck Food for the month of April 2012 | 01/05/12 | 31 | 055 | | | 7765 |
| 26 | Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection May 2012 | 01/05/12 | 27 | 056 | | | 7766 |
| 27 | Emanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | | Skip Hire - May 2012 | 01/05/12 | 28 | 057 | | | 7767 |
| 28 | Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience - May 2012 | 01/05/12 | 29 | 058 | | | 7768 |
| 29 | Emanuel Mifsud | €864.90 | €864.90 | T | | Bulky Refuse - April 2012 - 158 Calls | 01/05/12 | 30 | 059 | | | 7769 |
| 30 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Street Sweeping Sundays - March 2012 | 09.04.2012 | 12_2450 | 060 | | | 7754 |
| 31 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Cleaning Services - March 2012 | 09.04.2012 | 12_2451 | 061 | | | 7755 |
| 32 | SRF Cleaning Services | €166.30 | €166.30 | T | | Sweeping Gzira Garden 02.02.2012 | 20.04.2012 | 12_2461 | 062 | | | 7756 |
| 33 | JACAP Ltd | €178.50 | €178.50 | D | | 17 Stainless Steel Stars | 28.04.2012 | 59552 | 063 | | | 7757 |
| 34 | Mr. Alfred Portelli | €248.47 | €248.47 | T | | C/Management fee for the month of April 2012 | 30.04.2012 | 2 | 064 | | | 7751 |
| 35 | MITA | €29.82 | €29.82 | D | | e-mail account Councillors Jan - March 2012 | 26.04.2012 | SIN026303 | 065 | | | 7758 |
| 36 | Env/Landscapes/Cons. | €2,212.92 | 2,212,92 | T | | Soft Areas Maint - April 2012 | 30.04.2012 | 8526 | 066 | | | 7759 |
| 37 | Ms C. Bellizzi | €23.30 | €23.30 | D | | Qoffa - The Great Spring Show | 03.05.2012 | | 067 | | | 7752 |
| 38 | TcTc | €1,110.00 | €1,110.00 | D | | Ikids Computer Course | 11.04.2012 | | 068 | | | 7813 |
| 39 | Joe Camilleri | €1,524.00 | €1,524.00 | D | | pere diem allowance (Substance allowance)ECAD | 11.04.2012 | | 069 | | | 7736 |
| 40 | Honoraria | €521.83 | €51.83 | | | Honoraria | | | | | | 938 |
| | **Sub Total c/f** | **€19,347.30** | **€16,664.38** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€8,488.88** | **€8,453.88** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€27,836.18** | **€25,118.26** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/03**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/03 03.05.2012** **Data:** 12.04.2012 - 03.05.2012

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Wages | €4,741.10 | €4,741.10 | | Wages | | | | | 938, 939, 941, 940, 942, 943 |
| 22 | C.I.R. | €1,787.59 | €1,787.59 | | C.I.R. | | | | | 944 |
| 23 | | | | | | | | | | |
| 24 | | | | | | | | | | |
| 25 | | | | | | | | | | |
| 26 | | | | | | | | | | |
| 27 | | | | | | | | | | |
| 28 | | | | | | | | | | |
| 29 | | | | | | | | | | |
| 30 | | | | | | | | | | |
| 31 | | | | | | | | | | |
| 32 | | | | | | | | | | |
| 33 | | | | | | | | | | |
| 34 | | | | | | | | | | |
| 35 | | | | | | | | | | |
| 36 | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€6,528.69** | **€6,528.69** |
| **Sub Total b/f** | **€27,836.18** | **€25,118.26** |
| **Total** | **€34,364.87** | **€31,646.95** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

MOZZJONI NRU: Klg6/01

| | |
|---|---|
| Lill. | Kunsill Lokali Gżira |
| Mis | Sindku Roberto Cristiano |
| Data | 27 t'April 2012 |
| Ħin | 09.18 a.m. |

Il-Kunsill lokali tal-Gżira jinnota li għal dawn l-aħħar snin il-konsorzju MIDI ha taħt ir-responsabilita tiegħu il-Gżira ta Manoel bħala parti mill-proġett ta Tigne' u Manoel Island.

Il-Kunsill lokali tal-Gżira jirrikonoxxi x-xogħol tajjeb ta restawr li twettaq fil-Fortizza Manoel.

Illi, fil-pjanijiet tiegħu, l-konsorzju MIDI kellu jwettaq l-iżvilupp tal-grawnd tal-futbol kif ukoll tal-boċċi fuq livel professjonali sabiex il-Komunita tal-Gżira partikularment il-*Gżira United FC* u Gżira Boċċi Club ikollom faċilitajiet sportivi ta kwalita.

Il-Kunsill lokali tal-Gżira jinnota li dawn iż-żewġ faċilitajiet għadhom ma twettqux bil-konsegwenza li dawn iż-żewġ organiżazzjonijiet sportivi għadhom mingħajr faċilitajiet adekwati.

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira jappella lill-Gvern Ċentrali u l-Awtoritajiet konċernati sabiex issir l-pressjoni neċessarja fuq il-Konsorzju MIDI biex jitwettqu dawn il-proġetti għal ġid tal-Komunita' Gżirjana, fin-nuqqas li l-Konsorzju MIDI jikkommetti ruħu b'data biex jibda' dawn il- proġetti, l-Kunsill Lokali tal-Gżira jappella lill-Gvern Ċentrali sabiex jilqa' l-offerta tal-konsorzju MIDI sabiex jagħti lura lil Gvern Ċentrali l-Gżira ta' Manoel u jkun il-Gvern stess li jidħol għall-impenn li jibni l-faċilitajiet sportivi msemmija, jinvesti f'forestazzjoni u b'hekk jagħmel il-Gżira ta Manoel f'park nazzjonali u jagħmel użu ta din il-Gżira bħala Ċentru Kulturali permezz tal-fortizza.

| | | |
|---|---|---|
| Proponent | Roberto Cristiano | Sindku |
| Sekondant | | |
| Laqgħa Nru: | Klg6/03 | 03.05.2012 |